# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tnejn, 12 ta' Ottubru 2020**

**Talba Numru 83/2020SFJ**

***RONALD MANGION (340652M)***
***vs.***
***MARIA MAGDALENA SIVE MAGDA SULTANA (584676M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-8 ta' Mejju 2020 li permezz tiegħu ġie premess u mitlub:

"*1. Illi permezz ta' skrittura datata nhar l-erbgħa (4) ta' Awwissu tas-sena elfejn u dsatax (2019), ir-rikorrenti Ronald Mangion silef is-somma ta' seba' mitt Ewro (€700) a favur l-intimata Magda Sultana, liema skrittura qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A;*

*2. Illi l-intimata kienet firmatarja tal-istess skrittura u kienet konsapevoli tal-obbligu tagħha li tirrifondi l-ammont misluf f'pagamenti mensili konsistenti f'mitt Ewro (€100), liema pagamenti jsiru mill-erbgħa (4) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) sal-erbgħa (4) ta' Marzu tas-sena elfejn u għoxrin (2020);*

*3. Illi minkejja dan l-obbligu, l-intimata naqset li tirrifondi l-ammont globali misluf ta' seba' mitt Ewro (€700) u għaldaqstant hi debitriċi;*

*4. Illi minkejja li l-intimata ġiet interpellata, hi baqgħet ma ħallsitx il-bilanċ kif mitlub u għalhekk din il-proċedura kellha tiġi istitwita quddiem dan it-Tribunal.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jikkundanna lill-intimata tħallas lill-esponenti s-somma ta' seba' mitt Ewro (€700).*

> *Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimata li hija minn issa inġunta għas-subizzjoni.*"

Ra li mal-Avviż tat-Talba l-attur ippreżenta kopja awtentikata tal-ftehim relattiv, liema ftehim huwa datat 4 ta' Awwissu 2019.

Ra li l-konvenuta ġiet innotifikata bl-Avviż tat-Talba fit-22 ta' Settembru 2020.

Ra li fl-udjenza tal-25 ta' Settembru 2020, dehret il-konvenuta assistita mill-Avukat Dr Jonathan De Maria u li l-istess konvenuta awtorizzatu jammetti f'isimha t-talba kif dedotta. Ġie ivverbalizzat li l-avukati tal-partijiet kienu laħqu ftehim sabiex il-konvenuta tkun tista' tħallas lill-attur rata mensili ta' ħamsin Ewro (€50.00).

Ikkunsidra li għalhekk, it-talba ma tinsabx opposta mill-konvenuta u anzi, tinsab ben ippruvata.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tal-attur u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' seba' mitt Ewro (€700.00) u bl-imgħax li għandu jibda jiddekorri b'rata mhux ogħla minn dik permessa mill-liġi mill-4 ta' Settembru 2019 (id-data meta kien dovut l-ewwel pagament skont l-iskrittura) sad-data tal-pagament effettiv.

Peress li hemm ftehim bejn il-partijiet sabiex il-ħlas relattiv isir bir-rata ta' ħamsin Ewro (€50.00) kull xahar, it-Tribunal jordna li dan il-ftehim jiġi esegwit.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-konvenuta.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**